MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1/2007

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norwich Union International Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Sharon Galea u l-istess Sharon Galea**

**vs**

**Stephen Muscat**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Frar, 2007, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan l-arbitragg jirrigwarda incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Settembru 2005 gewwa M'Scala Road limiti taz-Zejtun bejn il-vetturi numru JOV 111 liema vettura kienet assikurata mas-socjeta assikuratrici rikorrenti, Fogg Insurance Agency

Limited u misjuqa minn Sharon Galea, u dik b'numru FBB 141 misjuqa mill-intimat Stephen Muscat.

Il-partjiet qablu illi ma' hemmx kontestazjoni dwar l-ammont li qed jigi mitlub mir-Rikorrenti in linea ta' danni liema amont huwa ta' LM 452.57

**Sharon Galea** prodott mis-socjeta Rikorrenti xhedet illi hija kienet qed isuq il-vettura numru JOV 111 gejja minn M'Scala sejra lejn iz-Zejtun. Kienu ghal habta ta' 1:00 am. u kellha maghha passigier li illum tilfet kull kuntatt mieghu.

Hija qalet illi f’ hin minnhom kellha puncture u ghalhekk waqfet fuq in-naha taghha tat-triq bid-dwal izda minghajr il-hazard lights. Harget minn gol-karrozza u halliet l-bieba taghha ftit imbexqa. Bdiet iddur mal-karrozza sabiex tmur tara il-puncture li kien fuq quddiem fuq in-naha tal-passigier meta f’ daqqa wahda giet karrozza minn naha taz-Zejtun (u cioe sejra lejn M'Scala ) u habtet mall-bieba taghha, li hija kienet halliet imbexqa.

Sharon Galea spjegat illi t-triq hija wahda fejn zewg karrozzi jghaddu facilment. Hija ikkonfermat illi hija kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti, Fogg Insurance Agencies Limited taht polza ta' assikurazzjoni *comprehensive.*

**L-intimat Stephen Muscat** xhed illi huwa kien qed isuq il-vettura numru FBB 141 gej minn naha taz-Zejtun sejjer lejn M'Scala. Qal illi waqt li kien qed isuq haseb illi huwa ra vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta u li meta wasal vicin ta' din il-vettura sema daqqa u wkoll ghaqqat u waqaf. Huwa hareg mill-karrozza u sab illi huwa kellu hsara fuq l-indikator u bumper ta' quddiem tal-lemin waqt li l-vettura l-ohra li kien habat maghha kellha hsara fuq il-bieba ta' xuffier ta' quddiem.

Muscat qal illi l-vettura li habat maghha ma' kienitx ghal kollox fil-gemb tat-triq, kienet xi metru l-barra.

Muscat ikkonferma wkoll illi f' din it-triq jghaddu zewg vetturi anki b' karrozza ohra ippakjata.

Hija regola principali tas-sewqan illi kull sewwieq ghandu jzomm man-naha tax-xellug tat-triq - il-Highway Code huwa car hafna dwar dan il-principju u ghahekk l-esponenti ma' jistax jifhem ghaliex is-sewwieq Stephen Muscat meta ra l-vettura ta' Sharon Galea, li huwa haseb kien miexja fit-triq fid-direzzjoni opposta tieghu, ma' zammx man naha tieghu tat-triq . Kif spjegaw iz-zewg sewwieqa din it-triq mhix xi wahda dejqa ghal kollox, anzi tippermetti li jghaddu zewg vetturi facilment.

L-esponent kellu opportunita jaccedi fuq il-post tal-incident u sab illi t-triq f' dik il-parti fejn gara l-incident (hdejn Cancu Buses) <u>hija dritta u wisqa u tippermetti zewg karrozzi jghaddu facilment anki b' karrozzi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq.</u> Ghal din ir-raguni l-esponenti ma' jistax jifhem ghaliex l-intimat ma' zammx man naha tat-triq tieghu u ghaliex ma rax il-vettura tar-Rikorrenti wieqfa anki bieba imbexxqa (dana qed jinghad anki tenut kont illi hemm wkoll bozza fit triq).

Invista tal-premess l-esponenti huwa tal-fehma illi l-kawza principali tal-incident kien il-fatt illi l-intimat ma saqx fuq in-naha tieghu tat-triq u billi wkoll lanqas ma induna illi l-bieba tal-vettura ta' Sharon Galea kienet imbexxqa (hija qatt ma' missa halliet il-bieba taghha hekk, izda din ma kienitx il-kawza principali ta' l-incident), u ghalhekk l-istess Stephen Muscat ghandu jinzamm unikament responsabbli ghal dan l-incident u kwindi ghandu jhallas lill-Rikorrenti s-somma ta' LM. 452.57 bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' dawn il-proceduri u bl-ispejjes ta' dawn l-istess proceduri.”

L-intimat appella minn din is-sentenza ta’ l-Arbitru u talab ir-revoka taghha. Dan bis-sottomissjoni illi t-tifsira moghtija fil-kaz ta’ sewwieq li jhalli l-bieba miftuha fuq il-karreggjata hi wahda legalment skorretta. Dejjem, skond l-istess intimat appellanti, min ikun kagun ta’ ostakolu f’ karreggjata ghandu jitqies fi htija esklussiva minhabba dak l-ostakolar tieghu tat-triq;

Huwa ben maghruf illi f’ materja ta’ incidenti li jkunu taw lok ghal danni rizarcibbli l-kawza trid tigi ricerkata fil-konkorrenza tal-fatti prossimi u immedjati;

Il-provi tal-fatt f’ dan il-kaz, apparti l-inferenzi li jistghu jingibdu mill-fatti nfushom *ex-post* il-habta, sostanzjalment jikkonsistu fil-versjonijiet provvduti miz-zewg sewwieqa. Hekk Sharon Galea, l-assigurata tas-socjeta` assikuratrici appellata, tghid li kienet gejja mid-direzzjoni ta’ M’Scala lejn iz-Zejtun meta htiegilha tieqaf ghax semghet hoss fuq ix-xellug tar-rota ta’ quddiem. Nizlet mill-karozza taghha u halliet il-bieba mbexxqa. Id-dwal ta’ quddiem kienu mixghula. Fil-versjoni ta’ l-appellanti hu kien gej mid-direzzjoni opposta, ossija miz-Zejtun fid-direzzjoni ta’ M’Scala u li meta wasal vicin il-vettura ta’ Galea sema’ daqqa u waqaf. Hemm qbil li l-iskontru sehh bil-lejl u li t-triq kienet mudlama. Kwantu ghat-topografija ta’ din it-triq fejn sehh l-incident gie kkonstatat mill-Arbitru waqt l-access illi din “hija dritta u wiesgha u tippermetti zewg karozzi jghaddu facilment anke b’ karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq”;

Hu mill-kwadru tal-fatti premessi li trid tigi identifikata r-responsabilita` billi, s’ intendi, jigi accertat x’ kienet il-kawza prossima u immedjata li pprovokat is-sinistru. Naturalment, tali ezercizzju jimporta wkoll il-fissazzjoni ta’ l-aspett guridiku tal-kaz;

Skond l-appellanti, il-fatt deciziv f' dan il-kaz jikkonsisti fil-krejazzjoni da parti tas-sewwieqa l-ohra ta' ostakolu fit-triq transitata minnu bis-sost tal-vettura taghha u bil-bieba miftuha. Din il-Qorti lesta li tikkoncedi illi in linea ta' principju waqfien ta' vettura b' dak il-mod jista', f' certi cirkostanzi, jitiqes fattur determinanti fl-evalwazzjoni ta' x' wassal ghall-incident. Intqal difatti a propozitu illi "daqskemm hu prezunt illi sewwieq ta' vettura wieqfa ma kellux jitqies li kkontribwixxa ghall-incident, daqstant iehor kellu jkun prezunt illi kkontribwixxa ghalih is-sewwieq ta' vettura pparkeggjata b' mod li tohloq ostakolu inaspettat f' arterja principali u b' mod li tissorprendi u tikkreja emergenza lil sewwieqa ohra". ("**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999):

Dan ri-affermat, il-fatti tal-kaz in ezami mhux necessarjament iwasslu biex jikkollegaw l-incident *de quo* mat-tieni parti ta' l-espressjoni ta' fehma tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata, u allura biex il-htija tigi kollokata fuq is-sewwieqa Sharon Galea;

Hi regola li *driver* izomm fuq ix-xellug tat-triq anke jekk mhux necessarjament fuq ix-xellug nett. Issa huwa veru li l-vjolazzjoni ta' din ir-regola mhix *per se* evidenza konkluziva ta' responsabilita` jekk jinstab li din il-vjolazzjoni ma kienetx ukoll il-kawza prossima. F' dan il-kaz, pero`, jezistu elementi li jindikaw li l-appellanti mhux biss ma kienx qed isuq fuq ix-xellug tieghu tat-triq talli addirittura inonda anke jekk forsi bi ftit ghal fuq il-lat oppost fejn kienet wieqfa l-vettura ta' Galea. Fl-isfond tat-topografija tal-lokalita in kwestjoni kif rizultanti lill-Arbitru waqt l-access u dik tal-vizibilita` ridotta minhabba l-hin ta' bil-lejl il-prudenza kienet tiddettalu li hu jzomm fuq in-naha tieghu, specjalment meta wiehed iqis li kellu spazju sufficjenti biex jaghmel dan, u c-cirkustanzi tal-mument kienu jissuggerulu li, ghal fatt tal-vizibilita` limitata, jevita li jaghmel zbalji ta' kalkolu biex ma jsibx ruhu fronteggjat, kif hekk sfortunatament gara, minn ostakoli li setghu kienu anke improvvizi;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-ksur tal-precitata regola fil-fattispeci, kombinata ma' certa dizattenzjoni, kienet, tabilhaqq, kif accertat mill-Arbitru, il-vera kawza prossima u immedjata tas-sinistru u mhux il-waqfien u l-bieba, miftuha jew imbexxqa, tal-vettura l-ohra, li wara kollox kienet fuq is-*side* taghha tat-triq.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u b' hekk tikkonferma d-decizjoni ta' l-Arbitru, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------